# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# INTERPRETAZZJONI TAD-DECIZJONI

# NRU. 701

KAZ NRU. 982

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

L-Awtorita' ta' l-Ippjanar

u

Union Professjonisti Awtorita' ta' l-Ippjanar

rigward l-Introduzzjoni ta' Ftehim Kollettiv

Data : 10 ta' Mejju, 1996

Chairman : Is-Sur Carmel Debono

Membri : Is-Sur Albert J. Tabone
Is-Sur Maurice Petrococchino

## INTRODUZZJONI

Fuq talba ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar datata t-22 t'April, 1996 biex tigi nterpretata dik il-parti tad-Decizjoni Nru. 701 dwar kif ghandha tithallas id-Disturbance Allowance, t-Tribunal Industrijali zamm seduta nhar il-Gimgha 26 t'April, 1996 biex jisma' s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

L-Awtorita' ta' l-Ippjanar kienet rapprezentata mis-sur Godwin Cassar, Director of Planning u s-sur John Wallin, Human Resources

Consultant assistiti mill-avukat J.J. Vella LL.D. waqt li l-Union Professjonisti Awtorita' ta' l-Ippjanar kienet rapprezentata missur Paul Mifsud, Segretarju u s-sinjuri Stephen Farrugia u Vince Mercieca assistiti mill-avukat Andrew Borg Cardona LL.D.

2. SOTTOMISSJONIJIET

L-Awtorita' ta' l-Ippjanar ikkontendiet li l-applikazzjoni tal-hlas tad-Disturbance Allowance ta' 15% tal-Basic Salary kellha tkun proporzjonata skond in-numru ta' sieghat u mhux tkun l-istess kemm jekk is-sieghat li jinhadmu wara l-ewwel 20 siegha bla hlas "in excess" mis-sieghat kontrattwali tax-xoghol ikunu siegha wahda jew hmistax (15).

Il-Union irreteniet li d-Decizjoni tat-Tribunal dwar id-Disturbance Allowance ma kellhiex bzonn tigi nterpretata ghax kienet cara; kwindi din bhala allowance ghad-disturbanza ghandha tithallas irrispettivament minn numru ta' sieghat li jahdmu l-gradi koncernati l-fuq mill-ewwel 20 siegha bla hlas.

L-Awtorita' sostniet li kieku kien veru li d-Decizjoni dwar din l-allowance kienet cara, ma kienx ikun hemm bzonn li jirreferu l-kwistjoni ghall-intervent tat-Tribunal.

3. INTERPRETAZZJONI

Wara li kkunsidra s-sottomissjonijiet tal-partijiet it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma li d-Decizjoni Nru. 701 fir-rigward

ta' kif ghandha tkun applikata u mhallsa d-Disturbance Allowance timerita klarifika u nterpretazzjoni cara.

It-Tribunal ghalhekk jiddikjara li l-hlas tad-Disturbance Allowance ghall-ewwel hmistax (15) il-siegha l-fuq mill-ghoxrin (20) siegha ta' xoghol bla hlas f'kull xahar kalendarju ghandu jkun ghal kull siegha bir-rata ta' hmistax fil-mija (15%) tal-basic salary ta' xahar diviz bi hmistax (15).

Ghas-sieghat li jinhadmu 'l fuq mill-hmistax (15) il-siegha msemmija, li jikkwalifikaw ghad-Disturbance Allowance ta' ghoxrin fil-mija (20%) tal-basic salary ta' xahar kalendarju, ghandu jkun ghal kull siegha bir-rata ta' 1.333% ta' dik stabbilita' ghall-hmistax (15) il-siegha msemmija aktar l-fuq.

Carmel Debono
CHAIRMAN

Albert J. Tabone
MEMBRU

Maurice Petrocochino
MEMBRU

Edwin Spiteri
SEGRETARJU

mrg